

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/724****tas-16 ta' Mejju 2018****dwar ċerti miżuri ta' politika kummerċjali li jikkonċernaw ċerti prodotti li joriġinaw fl-Istati Uniti tal-Amerka**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 654/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' regoli kummerċjali internazzjonali <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Fit-8 ta' Marzu 2018, l-Istati Uniti tal-Amerka ("l-Istati Uniti") adottaw miżuri ta' salvagwardja fl-għamla ta' żieda fit-tariffa fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar u tal-aluminju, effettiva mit-23 ta' Marzu 2018 u b'durata illimitata. Fit-22 ta' Marzu, id-data effettiva taż-żieda fit-tariffa fir-rigward tal-Unjoni Ewropea ġiet differita għall-1 ta' Mejju 2018.
- (2) Minkejja li l-Istati Uniti kkaratterizzaw dawn il-miżuri bħala miżuri ta' sigurtà, essenzjalment dawn huma miżuri ta' salvagwardja. Jikkonsistu f'azzjoni korrettiva li tfixkel il-bilanċ tal-konċessjonijiet u l-obbligi li jirriżultaw mill-Ftehim tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u jirrestrinġu l-importazzjonijiet għall-fini tal-protezzjoni tal-industrija domestika kontra l-kompetizzjoni barranija, f'għieħ il-prosperità kummerċjali ta' dik l-industrija. L-eċċezzjonijiet tas-sigurtà tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 ("il-GATT tal-1994") la japplikaw u lanqas jiġġustifikaw tali miżuri ta' salvagwardja, u ma għandhom l-ebda rilevanza fuq id-dritt tal-ibbilanċjar mill-ġdid skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim tad-WTO.
- (3) Il-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji jipprevedi d-dritt ta' kull Membru esportatur milqut minn miżura ta' salvagwardja li jissospendi l-applikazzjoni ta' konċessjonijiet sostanzjalment ekwivalenti jew ta' obbligi oħra għall-kummerċ tal-Membru tad-WTO li japplika l-miżura ta' salvagwardja, dment li ma tintlaħaq ebda soluzzjoni sodisfaċenti matul il-konsultazzjonijiet u li l-Kunsill tad-WTO għall-Kummerċ fil-Merkanzija ma jkunx kontra dan.
- (4) Il-konsultazzjonijiet bejn l-Istati Uniti u l-Unjoni kif previsti fl-Artikoli 8 u 12.3 tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji ma laħqu ebda soluzzjoni sodisfaċenti <sup>(2)</sup>.
- (5) Is-sospensjoni mill-Unjoni ta' konċessjonijiet sostanzjalment ekwivalenti jew ta' obbligi oħra għandha ssir wara li jaslu fi tmiemhom it-30 jum wara n-notifika tagħha lill-Kunsill għall-Kummerċ fil-Merkanzija, dment li l-Kunsill għall-Kummerċ fil-Merkanzija ma jkunx kontra dan. Il-Ftehim tad-WTO jippermetti l-eżerċitar tad-dritt tas-sospensjoni (a) immedjatament, dment li l-miżura ta' salvagwardja ma tkunx ittieħdet b'riżultat ta' żieda assoluta fl-importazzjonijiet, jew ma tkunx tikkonforma mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim tad-WTO, jew (b) wara li jiskadi perjodu ta' tliet snin mill-applikazzjoni tal-miżura ta' salvagwardja.
- (6) Il-Kummissjoni teżerċita d-dritt li tissospendi l-applikazzjoni ta' konċessjonijiet sostanzjalment ekwivalenti jew ta' obbligi oħra bl-intenzjoni ta' bbilanċjar mill-ġdid tal-konċessjonijiet jew ta' obbligi oħra fir-relazzjonijiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi, abbażi tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 654/2014. L-azzjoni adattata hija f'għamla ta' miżuri tal-politika kummerċjali li jistgħu jkunu jikkonsistu minn, fost l-oħrajn, is-sospensjoni tal-konċessjonijiet għat-tariffi u l-impożizzjoni ta' dazji doganali ġodda jew miżjuda.
- (7) Hija u tfassal u tagħżel il-miżuri adattati ta' politika kummerċjali, il-Kummissjoni tapplika l-kriterji oġġettivi f'konformità mal-Artikolu 4(2)(c) u l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) Nru 654/2014, li jinkludu skont ir-rilevanza, il-proporzjonalità ta' kull miżura, il-potenzjal tagħhom li joffru solliev għall-industriji tal-Unjoni milquta mill-miżuri ta' salvagwardja, u l-għan li l-impatt ekonomiku negattiv fuq l-Unjoni jkun imminimizzat, inkluż fir-rigward tal-materja prima essenzjali.

<sup>(1)</sup> ĠUL 189, 27.6.2014, p. 50.

<sup>(2)</sup> Fis-16 ta' April 2018 intalbu konsultazzjonijiet mill-Unjoni. Ma ntlaħaqx ftehim u l-perjodu ta' 30 jum għall-konsultazzjonijiet imsemmi fl-Artikolu 8 tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji ġie fi tmiemu.

- (8) F'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 654/2014, il-Kummissjoni tat opportunità lill-partijiet ikkonċernati li jesprimu l-fehmiet tagħhom u jippreżentaw informazzjoni li tirrigwarda l-interessi ekonomiċi tal-Unjoni f'dan ir-rigward <sup>(3)</sup>.
- (9) Il-miżuri ta' salvagwardja tal-Istati Uniti għandhom il-kapaċità li jkollhom impatt ekonomiku negattiv konsiderevoli fuq l-industriji tal-Unjoni kkonċernati. Dawn jillimitaw b'mod sinifikanti l-esportazzjonijiet tal-Unjoni tal-prodotti kkonċernati tal-azzar u tal-aluminju lejn l-Istati Uniti. L-importazzjonijiet milquta tal-Unjoni tal-prodotti rilevanti tal-azzar u tal-aluminju kienu jammontaw għall-valur ta' minn tal-anqas EUR 6,41 biljun fl-2017 (li minnhom EUR 5,30 biljun kienu f'importazzjonijiet totali ta' azzar u EUR 1,11 biljun f'importazzjonijiet totali tal-aluminju).
- (10) Għaldaqstant, sospensjoni tal-konċessjonijiet tal-kummerċ fuq ċerti prodotti sa livell li jirrifletti u ma jaqbix l-ammont li jkun jirriżulta mill-applikazzjoni tad-dazji tal-Istati Uniti fuq l-importazzjonijiet tal-prodotti tal-azzar u tal-aluminju mill-Unjoni fl-Istati Uniti tirrappreżenta sospensjoni adattata tal-applikazzjoni tal-konċessjonijiet tal-kummerċ sostanzjalment ekwivalenti f'konformità mal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardja.
- (11) Sussegwentement, permezz ta' att ta' implimentazzjoni separat, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li timplimenta s-sospensjoni tal-applikazzjoni tal-konċessjonijiet tal-kummerċ, jekk ikun hemm bżonn jew sa fejn ikun hemm bżonn, permezz tal-applikazzjoni ta' dazji doganali addizzjonali fuq ċerti prodotti li joriġinaw fl-Istati Uniti importati fl-Unjoni. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddeċiedi fuq il-kamp ta' applikazzjoni, u b'riflessjoni tar-rekwiżiti taż-żmien deskritti fil-premessa (5), skont jekk l-Istati Uniti jeskludux ċerti prodotti jew kumpaniji mill-miżuri ta' salvagwardja.
- (12) Filwaqt li jkunu riflessi r-rekwiżiti taż-żmien deskritti fil-premessa (5), jenħtieġ li japplikaw id-dazji doganali addizzjonali, jekk ikun hemm bżonn jew sa fejn ikun hemm bżonn, f'żewġ stadji. Fl-ewwel stadju, id-dazji *ad valorem* ta' rata massima ta' 25 % fuq importazzjonijiet tal-prodotti elenkati fl-Anness I, jistgħu jiġu applikati immedjatament u sakemm l-Istati Uniti jieqfu japplikaw il-miżuri ta' salvagwardja tagħhom għall-prodotti mill-Unjoni.
- (13) L-ammont totali ta' dazji *ad valorem* fl-ewwel stadju jirrifletti ż-żieda fit-tariffa tal-Istati Uniti ta' 25 % fuq l-importazzjonijiet ta' "prodotti ċatti tal-karbonju u tal-azzar illigat" u "prodotti twal tal-karbonju u tal-azzar illigat" <sup>(4)</sup> mill-Unjoni fl-Istati Uniti (valur totali ta' EUR 2,83 biljun f'importazzjonijiet tal-Unjoni fl-Istati Uniti fl-2017). Dawn huma l-prodotti tal-azzar li dwarhom il-miżuri ta' salvagwardja tal-Istati Uniti ma ttiehdex minħabba żieda assoluta fl-importazzjonijiet.
- (14) Fit-tieni stadju, dazji *ad valorem* addizzjonali ulterjuri ta' rata massima ta' 10 %, 25 %, 35 % u 50 % fuq l-importazzjonijiet tal-prodotti elenkati fl-Anness II, jistgħu jiġu applikati mit-23 ta' Marzu 2021 jew malli sseħħ l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO li l-miżuri ta' salvagwardja tal-Istati Uniti huma inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim tad-WTO, jew malli jkun innotifikat biha, jekk dan isseħħ qabel, sakemm il-miżuri ta' salvagwardja tal-Istati Uniti jieqfu japplikaw.
- (15) L-ammont totali ta' dazji *ad valorem* fit-tieni stadju jirrifletti ż-żieda fit-tariffa tal-Istati Uniti ta' 10 % fuq l-importazzjonijiet tal-prodotti tal-aluminju <sup>(5)</sup> u ta' 25 % fuq l-importazzjonijiet ta' "prodotti ta' pajpijiet u tubi tal-karbonju u tal-azzar illigat", "prodotti nofshom maħduma tal-karbonju u l-azzar illigat" u "prodotti tal-azzar inossidabbli" <sup>(6)</sup> mill-Unjoni fl-Istati Uniti (valur totali ta' EUR 3,58 biljun f'importazzjonijiet tal-Unjoni fl-Istati Uniti fl-2017 li minnu EUR 2,47 biljun huma importazzjonijiet tal-azzar u EUR 1,11 biljun huma importazzjonijiet tal-aluminju). Dawn huma l-prodotti li jidher li kien hemm żieda assoluta fl-importazzjonijiet tagħhom.
- (16) Il-miżuri ta' politika kummerċjali u l-prodotti kkonċernati ntgħażlu f'konformità mal-kriterji tal-Artikolu 4(2)(c) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 654/2014.
- (17) Billi ma jaqbix il-valur tal-importazzjonijiet tal-Unjoni milquta mill-miżuri ta' salvagwardja kif deskritt fil-premessa (9) u (10), il-miżuri ta' politika kummerċjali huma proporzjonati mal-effett tal-miżuri ta' salvagwardja tal-Istati Uniti u mhumx eċċessivi. Apparti hekk, wieħed josserva li hija biss frazzjoni tal-valur totali disponibbli li inizjalment se tkun eżerċitata, kif deskritt fil-premessa (12) u (13).
- (18) Il-miżuri ta' politika kummerċjali għandhom ikunu ta' ffit solliw għall-industriji tal-azzar u tal-aluminju tal-Unjoni milquta mill-miżuri ta' salvagwardja tal-Istati Uniti.

<sup>(3)</sup> [http://trade.ec.europa.eu/consultations/index.cfm?consul\\_id=253](http://trade.ec.europa.eu/consultations/index.cfm?consul_id=253)

<sup>(4)</sup> Il-prodotti li rrefera għalihom ir-Rapport tad-Dipartiment tal-Kummerċ tal-Istati Uniti tal-11 ta' Jannar 2018 ([https://www.commerce.gov/sites/commerce.gov/files/the\\_effect\\_of\\_imports\\_of\\_steel\\_on\\_the\\_national\\_security\\_-\\_with\\_redactions\\_-\\_20180111.pdf](https://www.commerce.gov/sites/commerce.gov/files/the_effect_of_imports_of_steel_on_the_national_security_-_with_redactions_-_20180111.pdf))

<sup>(5)</sup> Prodotti li rrefera għalihom ir-Rapport tad-Dipartiment tal-Kummerċ tal-Istati Uniti tas-17 ta' Jannar 2018 ([https://www.commerce.gov/sites/commerce.gov/files/the\\_effect\\_of\\_imports\\_of\\_aluminum\\_on\\_the\\_national\\_security\\_-\\_with\\_redactions\\_-\\_20180117.pdf](https://www.commerce.gov/sites/commerce.gov/files/the_effect_of_imports_of_aluminum_on_the_national_security_-_with_redactions_-_20180117.pdf))

<sup>(6)</sup> *Ibid* in-nota 4 f'qiegħ il-paġna.

- (19) Jenħtieġ li l-miżuri ta' politika kummerċjali japplikaw għall-importazzjonijiet ta' prodotti li joriġinaw fl-Istati Uniti li l-Unjoni mhijiex sostanzjalment dipendenti fuqhom għall-provvista tagħha. Il-miżuri ta' politika kummerċjali jistgħu japplikaw ukoll fir-rigward tas-setturi tal-azzar u tal-azzar u l-aluminju. Dan l-approċċ jevita kemm jista' jkun impatt negattiv fuq l-atturi diversi fis-suq tal-Unjoni, inklużi l-konsumaturi.
- (20) Prodotti li qabel id-data li fiha daħal fis-seħħ dan ir-Regolament kienet inħarġitilhom liċenzja ta' importazzjoni b'eżenzjoni mid-dazju jew bi tnaqqis minnu, jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal dawn id-dazji doganali addizzjonali.
- (21) Prodotti li dwarhom l-importaturi jistgħu jippruvaw li ġew esportati mill-Istati Uniti lejn il-Unjoni qabel id-data ta' applikazzjoni tad-dazji doganali addizzjonali jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għad-dazji doganali addizzjonali.
- (22) Dan ir-Regolament huwa bla preġudizzju għall-kwistjoni tal-konsistenza tal-miżuri ta' salvagwardja tal-Istati Uniti mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tad-WTO.
- (23) Fid-dawl tal-limiti ta' żmien applikabbli tad-WTO u tan-natura preliminari ta' dan l-att, ikun jixraq li dan ikun jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (24) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ostakoli għall-Kummerċ, imwaqqaf permezz tar-Regolament (UE) 2015/1843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (<sup>7</sup>),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

Il-Kummissjoni għandha, immedjament u f'kull każ, mhux aktar tard mit-18 ta' Mejju 2018, tagħti avviż bil-miktub lill-Kunsill tad-WTO għall-Kummerċ fil-Merkanzija, li fin-nuqqas ta' diżapprovazzjoni mill-Kunsill għall-Kummerċ fil-Merkanzija, l-Unjoni tissospendi, mill-20 ta' Ġunju 2018, l-applikazzjoni għall-kummerċ tal-Istati Uniti ta' konċessjonijiet ta' dazji tal-importazzjoni skont il-GATT tal-1994 fir-rigward tal-prodotti elenkati fl-Anness I u fl-Anness II, b'tali mod li tippermetti l-applikazzjoni ta' dazji doganali addizzjonali fuq l-importazzjoni ta' dawn il-prodotti li joriġinaw mill-Istati Uniti.

#### Artikolu 2

L-applikazzjoni ta' dazji doganali addizzjonali fuq dawn il-prodotti, permezz ta' att ta' implimentazzjoni sussegwenti tal-Kummissjoni, għandha sseħħ fil-limiti tal-parametri li ġejjin, u tqis kull esklużjoni sussegwenti ta' ċerti prodotti jew kumpaniji mill-miżuri ta' salvagwardja min-naħa tal-Istati Uniti:

- (a) Fl-ewwel stadju, dazju *ad valorem* addizzjonali ta' rata massima ta' 25 % jista' jiġi applikat fuq l-importazzjonijiet tal-prodotti elenkati fl-Anness I mill-20 ta' Ġunju 2018.
- (b) Fit-tieni stadju, dazju *ad valorem* addizzjonali ulterjuri ta' rata massima ta' 10 %, 25 %, 35 % jew 50 % jista' jiġi applikat fuq l-importazzjonijiet tal-prodotti elenkati fl-Anness II:

— mit-23 ta' Marzu 2021; jew

— mill-ħames jum wara d-data tal-adozzjoni mill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO, jew in-notifika lila, ta' deċiżjoni li l-miżuri ta' salvagwardja tal-Istati Uniti huma inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim tad-WTO, jekk din id-data tiġi qabel. Fl-eventwalità li jseħħ dan tal-aħħar, il-Kummissjoni għandha tippubblika f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* avviż li jindika d-data li fiha tiġi adottata jew innotifikata t-tali deċiżjoni.

#### Artikolu 3

Is-sospensjoni prevista fl-Artikolu 1 tista' tiġi eżerċitata sakemm, u sa fejn, l-Istati Uniti japplikaw jew japplikaw mill-ġdid il-miżuri ta' salvagwardja tagħhom b'mod li jkollu effett fuq il-prodotti mill-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li jindika d-data li fiha l-Istati Uniti jkunu waqfu japplikaw il-miżuri ta' salvagwardja tagħhom.

(<sup>7</sup>) Ir-Regolament (UE) 2015/1843 tas-6 ta' Ottubru 2015 li jistabbilixxi l-proċeduri tal-Unjoni fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni sabiex jiżgura l-eżerċizzju tad-drittijiet tal-Unjoni skont ir-regoli internazzjonali tal-kummerċ, b'mod partikolari dawk stabbiliti taħt l-awspiċċi tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (kodifikazzjoni) (ĠU L 272, 16.10.2015, p. 1).

*Artikolu 4*

1. Il-prodotti elenkati fl-Annessi, li qabel id-data li fiha daħal fis-seħħ dan ir-Regolament, kienet inħarġitilhom liċenzja ta' importazzjoni b'eżenzjoni mid-dazju jew bi tnaqqis minnu, għandhom ikunu soġġetti għal dawn id-dazji doganali addizzjonali.
2. Il-prodotti elenkati fl-Annessi li dwarhom l-importaturi jistgħu jippruvaw li ġew esportati mill-Istati Uniti lejn il-Unjoni qabel id-data li fiha jkun ġie applikat dazju addizzjonali fir-rigward ta' dak il-prodott ma għandhomx ikunu soġġetti għad-dazju addizzjonali.

*Artikolu 5*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Mejju 2018.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Jean-Claude JUNCKER

## ANNEX I

**Prodotti li jistgħu jkunu soġġetti għal dazji addizzjonali mill-20 ta' Ġunju 2018**

NM 2018 <sup>(1)</sup>	Dazju addizzjonali
0710 40 00	25 %
0711 90 30	25 %
0713 33 90	25 %
1005 90 00	25 %
1006 30 21	25 %
1006 30 23	25 %
1006 30 25	25 %
1006 30 27	25 %
1006 30 42	25 %
1006 30 44	25 %
1006 30 46	25 %
1006 30 48	25 %
1006 30 61	25 %
1006 30 63	25 %
1006 30 65	25 %
1006 30 67	25 %
1006 30 92	25 %
1006 30 94	25 %
1006 30 96	25 %
1006 30 98	25 %
1006 40 00	25 %
1904 10 30	25 %
1904 90 10	25 %
2001 90 30	25 %
2004 90 10	25 %
2005 80 00	25 %
2008 11 10	25 %
2009 12 00	25 %
2009 19 11	25 %
2009 19 19	25 %
2009 19 91	25 %

NM 2018 <sup>(1)</sup>	Dazju addizzjonali
2009 19 98	25 %
2009 81 11	25 %
2009 81 19	25 %
2009 81 31	25 %
2009 81 59	25 %
2009 81 95	25 %
2009 81 99	25 %
2208 30 11	25 %
2208 30 19	25 %
2208 30 82	25 %
2208 30 88	25 %
2402 10 00	25 %
2402 20 10	25 %
2402 20 90	25 %
2402 90 00	25 %
2403 11 00	25 %
2403 19 10	25 %
2403 19 90	25 %
2403 91 00	25 %
2403 99 10	25 %
2403 99 90	25 %
3304 20 00	25 %
3304 30 00	25 %
3304 91 00	25 %
6109 10 00	25 %
6109 90 20	25 %
6109 90 90	25 %
6203 42 31	25 %
6203 42 90	25 %
6203 43 11	25 %
6204 62 31	25 %
6204 62 90	25 %
6302 31 00	25 %
6403 59 95	25 %
7210 12 20	25 %

NM 2018 <sup>(1)</sup>	Dazju addizzjonali
7210 12 80	25 %
7219 12 10	25 %
7219 12 90	25 %
7219 13 10	25 %
7219 13 90	25 %
7219 32 10	25 %
7219 32 90	25 %
7219 33 10	25 %
7219 33 90	25 %
7219 34 10	25 %
7219 34 90	25 %
7219 35 90	25 %
7222 20 11	25 %
7222 20 21	25 %
7222 20 29	25 %
7222 20 31	25 %
7222 20 81	25 %
7222 20 89	25 %
7222 40 10	25 %
7222 40 50	25 %
7222 40 90	25 %
7223 00 11	25 %
7223 00 19	25 %
7223 00 91	25 %
7226 92 00	25 %
7228 30 20	25 %
7228 30 41	25 %
7228 30 49	25 %
7228 30 61	25 %
7228 30 69	25 %
7228 30 70	25 %
7228 30 89	25 %
7228 50 20	25 %
7228 50 40	25 %
7228 50 69	25 %

NM 2018 <sup>(1)</sup>	Dazju addizzjonali
7228 50 80	25 %
7229 90 20	25 %
7229 90 50	25 %
7229 90 90	25 %
7301 20 00	25 %
7304 31 20	25 %
7304 31 80	25 %
7304 41 00	25 %
7306 30 11	25 %
7306 30 19	25 %
7306 30 41	25 %
7306 30 49	25 %
7306 30 72	25 %
7306 30 77	25 %
7306 30 80	25 %
7306 40 20	25 %
7306 40 80	25 %
7307 11 10	25 %
7307 11 90	25 %
7307 19 10	25 %
7307 19 90	25 %
7308 30 00	25 %
7308 40 00	25 %
7308 90 51	25 %
7308 90 59	25 %
7308 90 98	25 %
7309 00 10	25 %
7309 00 51	25 %
7309 00 59	25 %
7310 29 10	25 %
7310 29 90	25 %
7311 00 13	25 %
7311 00 19	25 %
7311 00 99	25 %
7314 14 00	25 %

NM 2018 (1)	Dazju addizzjonali
7314 19 00	25 %
7314 49 00	25 %
7315 11 10	25 %
7315 11 90	25 %
7315 12 00	25 %
7315 19 00	25 %
7315 89 00	25 %
7315 90 00	25 %
7318 14 10	25 %
7318 14 91	25 %
7318 14 99	25 %
7318 16 40	25 %
7318 16 60	25 %
7318 16 92	25 %
7318 16 99	25 %
7321 11 10	25 %
7321 11 90	25 %
7322 90 00	25 %
7323 93 00	25 %
7323 99 00	25 %
7324 10 00	25 %
7325 10 00	25 %
7325 99 10	25 %
7325 99 90	25 %
7326 90 30	25 %
7326 90 40	25 %
7326 90 50	25 %
7326 90 60	25 %
7326 90 92	25 %
7326 90 96	25 %
7606 11 10	25 %
7606 11 91	25 %
7606 12 20	25 %
7606 12 92	25 %
7606 12 93	25 %

NM 2018 <sup>(1)</sup>	Dazju addizzjonali
8711 40 00	25 %
8711 50 00	25 %
8903 91 10	25 %
8903 91 90	25 %
8903 92 10	25 %
8903 92 91	25 %
8903 92 99	25 %
8903 99 10	25 %
8903 99 91	25 %
8903 99 99	25 %
9504 40 00	25 %

<sup>(1)</sup> Il-kodiċijiet tan-nomenklatura ttieħdu min-Nomenklatura Magħquda kif definita fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1) u kif stabbilit fl-Anness I tiegħu, li huma validi fiż-żmien tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament u, *mutatis mutandis*, kif emendat bil-leġiżlazzjoni sussegwenti, inkluż, mill-aktar reċenti, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1925 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 282, 31.10.2017, p. 1).

## ANNEX II

**Prodotti li jistgħu jkunu soġġetti għal dazji addizzjonali ulterjuri mit-23 ta' Marzu 2021 jew malli tkun iddeterminata inkonsistenza tal-miżuri ta' salvagwardja tal-Istati Uniti mad-WTO**

NM 2018 <sup>(1)</sup>	Dazju addizzjonali
2008 93 11	25 %
2008 93 19	25 %
2008 93 29	25 %
2008 93 91	25 %
2008 93 93	25 %
2008 93 99	25 %
2208 30 11	25 %
2208 30 19	25 %
2208 30 82	25 %
2208 30 88	25 %
3301 12 10	10 %
3301 13 10	10 %
3301 90 10	10 %
3301 90 30	10 %
3301 90 90	10 %
3302 90 10	10 %
3302 90 90	10 %
3304 10 00	10 %
3305 30 00	10 %
4818 20 10	25 %
4818 20 91	35 %
4818 20 99	25 %
4818 30 00	25 %
4818 50 00	35 %
4818 90 10	25 %
4818 90 90	35 %
5606 00 91	10 %
5606 00 99	10 %
5907 00 00	10 %
5911 10 00	10 %
5911 20 00	10 %

NM 2018 <sup>(1)</sup>	Dazju addizzjonali
5911 31 11	10 %
5911 31 19	10 %
5911 31 90	10 %
5911 32 11	10 %
5911 32 19	10 %
5911 32 90	10 %
6203 42 11	50 %
6203 42 33	50 %
6203 42 35	50 %
6203 42 51	50 %
6203 42 59	50 %
6203 43 19	50 %
6203 43 31	50 %
6203 43 39	50 %
6203 43 90	50 %
6204 62 11	50 %
6204 62 33	50 %
6204 62 39	50 %
6204 62 51	50 %
6204 62 59	50 %
6205 30 00	50 %
6301 30 10	50 %
6301 30 90	50 %
6402 19 00	25 %
6402 99 10	50 %
6402 99 31	25 %
6402 99 39	25 %
6402 99 50	25 %
6402 99 91	25 %
6402 99 93	25 %
6402 99 96	25 %
6402 99 98	25 %
6403 59 05	25 %
6403 59 11	25 %
6403 59 31	25 %

NM 2018 (1)	Dazju addizzjonali
6403 59 35	25 %
6403 59 39	25 %
6403 59 50	25 %
6403 59 91	25 %
6403 59 99	25 %
6601 10 00	50 %
6911 10 00	50 %
6911 90 00	50 %
6912 00 21	50 %
6912 00 23	50 %
6912 00 25	50 %
6912 00 29	50 %
6912 00 81	50 %
6912 00 83	50 %
6912 00 85	50 %
6912 00 89	50 %
6913 10 00	50 %
6913 90 10	50 %
6913 90 93	50 %
6913 90 98	50 %
6914 10 00	50 %
6914 90 00	50 %
7005 21 25	25 %
7005 21 30	25 %
7005 21 80	25 %
7007 19 10	10 %
7007 19 20	10 %
7007 19 80	10 %
7007 21 20	10 %
7007 21 80	10 %
7007 29 00	10 %
7009 10 00	25 %
7009 91 00	10 %
7013 28 10	10 %
7013 28 90	10 %

NM 2018 (*)	Dazju addizzjonali
7102 31 00	10 %
7113 11 00	25 %
7113 19 00	25 %
7113 20 00	25 %
7228 50 61	25 %
7326 90 98	10 %
7604 29 90	25 %
7606 11 93	25 %
7606 11 99	25 %
8422 11 00	50 %
8450 11 11	50 %
8450 11 19	50 %
8450 11 90	50 %
8450 12 00	50 %
8450 19 00	50 %
8506 10 11	10 %
8506 10 18	10 %
8506 10 91	10 %
8506 10 98	10 %
8506 90 00	10 %
8543 70 01	50 %
8543 70 02	50 %
8543 70 03	50 %
8543 70 04	50 %
8543 70 05	50 %
8543 70 06	50 %
8543 70 07	50 %
8543 70 08	50 %
8543 70 09	50 %
8543 70 10	50 %
8543 70 30	50 %
8543 70 50	50 %
8543 70 60	50 %
8543 70 90	25 %
8704 21 10	10 %

NM 2018 <sup>(1)</sup>	Dazju addizzjonali
8704 21 31	10 %
8704 21 39	10 %
8704 21 91	10 %
8704 21 99	10 %
8711 40 00	25 %
8711 50 00	25 %
8901 90 10	50 %
8901 90 90	50 %
8902 00 10	50 %
8902 00 90	50 %
8903 10 10	10 %
8903 10 90	10 %
8903 92 91	25 %
8903 92 99	25 %
9401 61 00	50 %
9401 69 00	50 %
9401 71 00	50 %
9401 79 00	50 %
9401 80 00	50 %
9404 90 10	25 %
9404 90 90	25 %
9405 99 00	25 %

<sup>(1)</sup> Il-kodiċijiet tan-nomenklatura ttehdhu min-Nomenklatura Magħquda kif definita fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1) u kif stabbilit fl-Anness I tiegħu, li huma validi fiż-żmien tal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament u, *mutatis mutandis*, kif emendat bil-leġiżlazzjoni sussegwenti, inkluż, mill-aktar reċenti, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1925 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 282, 31.10.2017, p. 1).